# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 28**

**24 ta' Lulju 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fl-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 28.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Ġew ppreżentati l-minuti numru 26 u 27 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

### 28.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

### 28.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

28.4.1 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li kien hemm tibdil fl-isem tas-Segretarju Eżekuttiv fuq ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-ħruġ tal-offerta tat-tiżjin tad-dwal tal-Milied fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u għandu jerġgħa isir bħal ma kien qabel, b'isem is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti. Dan peress li il-bord tal-għażla niżżel isem id-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa ġiet sospiża fil 5:23p.m. u reġgħet kompliet fil-5:28p.m.

28.4.2 Qabel isiru ix-xogħolijiet fi Sqaq ta' Kaputt, hemm bżonn li nivverifikaw mar-reġistru tal-artijiet li dan l-isqaq huwiex privat jew pubbliku.

28.4.3 L-offerta tax-xogħol ta' provvista u konsenja ta' dwal dekorattiv u sistema LED fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi u Triq John Gaspard Le Merchant ta' 26 fanal ser tgħalaq fit-3 ta' Awwissu.

28.4.4 Is-Sindku informa lil Kunsill li bdew jinbidlu ix-xtieli fi Triq John Gaspard Le Merchant u Triq Kardinal Alessandro Franchi.

28.4.5 Il-Kunsill ġie mgħarraf biż-żjara tal-Onorevoli Parnis fl-uffiċċju nhar id-9 ta' Lulju mil-iskrivan tal-Kunsill, fejn l-Onorevoli ra kif sejjer ix-xogħol tat-tindif

bil-ħaddiema tal-komunita' u talab lill-iskrivan sabiex tintbagħat il-korrispondenza kollha fejn il-Kunsill kien talab għall-ħaddiem ġdid.

28.4.6 Is-Sindku informa lil Kunsill li ġie ippreżentat ir-rikors fil-Qorti ta' Għawdex bħal ma kien ġie deċiż fil-laqgħa urġenti tad-19 ta' Lulju 2018.

28.4.7 Il-mawra fi Sqallija li ser issir bejn il-28 u il-29 ta' Lulju ser tkun b'attendenza ta' 22 persuna fosthom is-Sindku u kunsilliera Carmel Farrugia u Horace Micallef. Il-persuni li ser jieħdu sehem f'din il-mawra ser iżuru diversi postijiet fosthom Gela, Botera u Enna.

28.4.8 Il-Perit li hu responsabbli mix-xogħol ser jagħmel xi *minor amendments* fuq ir-restawr ta' l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li hemm fuq in-navi tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li il-Kapillan tal-parroċċa għandu ikun infurmat bl-iżviluppi fuq dan ix-xogħol peress li sa issa dan ix-xogħol għadu ma sarx.

28.4.9 Dwar il-monument tal-vittmi tal-logħob tan-nar qiegħed fi stadju tajjeb skond l-iskeda tax-xogħolijiet u wasal li jiġi meħud għal għand il-bronżar. Is-Sindku mar jara' l-abbozz fil-ġibs qabel ma jittieħed għal fażi li jmiss. Il-Kunsill iddiskuta li il-pagamenti isiru fi tlett fażijiet kif ukoll biex tintalgħab stima mingħand il-marmista.

28.4.10 Is-Sindku informa lil Kunsill li il-boroż tar-reċiklaġġ ġew imqassma lir-residenti.

28.4.11 Is-Sindku attenda is-serata musiko-letterarja fl-anniversarju tal-mewt ta' Mons. George Bezzina, ex-Kappillan tal-Fontana fil-ħames anniversarju mill-mewt tiegħu. Din is-serata saret minn kor Ingliż.

28.4.12 Il-laqgħa informattiva tal-POYC saret kif kienet pjanata fis-sala tal-komunita' u attendew 6 residenti.

28.4.13 Il-Buildings Regulations Office ġie fil-lokalita' u kellem lil xi residenti li qiegħdin fil-proċess ta' bini sabiex jagħmlu bankini temporanji imma il-Kunsill ħa jistenna li joħorġu linji gwida mingħand l-Awtoritajiet jew Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

28.4.14 Is-Sindku informa lil Kunsill li attenda l-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li saret f'Lulju.

28.4.15 Fuq proposta tas-sindku, il-Kunsill qabel li issir ħarġa Malta fix-xhar ta' Settembru lir-residenti tal-Fontana.

28.4.16 Il-Kunsill innota li hemm bżonn ta' xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix fi Trejqet ta' wara id-Djar.

## 28.5 Ħruġ ta' Offerti

28.5.1 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li fl-offerta tal-ġbir tal-iskart jiżdied it-tindif tad-*doggy bins* li hemm fil-lokalita'.

28.5.2 Il-Kunsill innota li l-offerta tal-ħajt tas-sejjieħ fil-wied tax-Xlendi, għandha terġgħa issir billi ma kien hemm ħadd li wera interess fix-xogħolijiet.

28.5.3 Il-Kunsill qabel li issir l-estensjoni tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart għal xhar ieħor.

## 28.6 *Items* ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa

28.6.1 Is-Sindku informa lil Kunsill li trid issir l-applikazzjoni tal-UIF taħt ir-*railing* l-isfel mil-Knisja fi Triq il-Għajn. Dan il-fond jista' jagħti sa massimu ta' €50,000, la darba l-applikazzjoni tiġi aċċettata mill-bord. Dan qed isir mil-Perit li hu responsabbli mill-applikazzjoni.

28.6.2 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jinġabru xi *quotations* mingħand diversi stamperiji differenti għall-ktejjeb tal-Fontana u il-Kunsill Lokali. Il-kunsillier Horace Micallef tagħlab draft tal-ktieb mingħand il-kittieb.

28.6.3 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jerġa' isir aktar ħasil frekwenti tal-*belvedere* fi Triq ta' Mulejja u il-Kunsill qabel.

## 28.7 Ilmenti u Komunikazzjonijiet

28.7.1 Talba mingħand resident li qed jitlob li issirlu rampa mal-*garage* tiegħu li jinsab fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili bejn id-djar 126 u 118. Il-Kunsill qabel li jekk ix-xogħol huwa li titranġa il-bankina isir ix-xogħol meħtieġ, imma jekk ix-xogħol mitlub huwa l-barra mill-linja tal-bankina, dan ix-xogħol ma għandux iseħħ.

28.7.2 Talba mingħand residenta li tgħammar fi Triq il-Kappillan Hili sabiex issirilha ħadida quddiem id-dar tagħha jew mat-taraġ tad-dar tagħha peress li għandha l-eta' u ikollha bżonn l-appoġġ sabiex tinżel it-taraġ. Il-Kunsill iddeċieda li jekk ix-xogħol huwa mitlub li isir fil-privat dan ma għandux iseħħ, jekk ix-xogħol huwa

fuq art pubblika dan l-ilment għandu jitressaq lill-Awtorita' ta' Trasport sabiex tistabillixxi ikunx każ ta' ostaklu fit-triq.

28.7.3 Ilment mingħand residenta li tgħammar fi Triq l-Isptar San Ġiljan li qed ikun hemm xi ħmieġ tal-qtates quddiem ir-residenza tagħha, riżultat ta' xi ħadd li qed jagħlef il-qtates quddiem id-dar tagħha. Ir-residenta qed titlob sabiex titnaddaf it-triq iżjed frekwenti. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment jitressaq lid-dipartiment ikkonċernat, peress li hi triq arterjali.

28.7.4 Email mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali fejn jinforma lil-Kunsill sabiex jitolbu għall- ħaddiem ieħor lil *Community Workers Scheme*. Il-Kunsill ser jagħmel dak li ġie issuġġerit. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li mill-aħħar ta' Novembru li għadda kiteb lil diversi personalitajiet fosthom id-Direttur tal-Gvern Lokali, Ministru għal Għawdex u Segretarju Parlamentari sabiex jintbagħtu aktar ħaddiema.

28.7.5 Email fejn ġie mitlub il-*Creditors Balances as at 30$^{th}$ June*. Email bir-risposta diġa' intbagħtet.

28.7.6 Kopja tal-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tax-Xagħra għall-perijodu bejn is-27 ta' Lulju u l-4 ta' Awwissu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.7 Email mingħand id-Direttur fejn jgħarraf lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li il-*mid-term audit* isir meta' s-Segretarju Eżekuttiv ittemm/jittemmiela l-impjieg. Din l-email saret b'risposta għal-email bħala talba ta' kjarifika mingħand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku stqarr li ġie mgħarraf waqt il-laqgħa tas-Sindki fl-Imġarr Għawdex f'Diċembru 2017, li l-*interim audit* mhux ser isir aktar sabiex ma jintefqux flus żejda.

28.7.8 Email mingħand *Wasteserv* fejn tgħarraf lil-Kunsill li hemm bżonn jagħtu proposti oħra dwar kif jintużaw il-flus li rebħu billi il-*Wasteserv* infurmat li ktejjeb jista' jiġġenera aktar skart. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li tintbgħat email bis-suġġeriment li issir *playhouse* fil-*playing-field*.

28.7.9 Email fejn qed jirriklamaw *doggy bins* u servizzi relatati. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.10 Email mingħand *Wasteserv* fejn informa lil Kunsill rigward il-*European Week for Waste Reduction* u kif il-Kunsill jista jipparteċipa fil-kompetizzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.11 Ittra mingħand *Magro Group* fejn qiegħed jindirizza il-*community outreach program*. Dan hu maqsum fuq żewġ partijiet:

1) ħarġa fejn ir-residenti jistgħu jaraw il-proċess tax-xogħol fil-fabbrika tal-kumpanija kif ukoll jistgħu ikollhom *food tastings* u jaraw *crafts* artiġjanali u preparazzjoni ta' ikel.
2) Edukazzjoni liċ-ċittadin fejn qed joffru impjiegi għas-sajf fuq bażi sew full time kif ukoll part time.

Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.12 Email mingħand il-*Projects and Development Directorate* fejn jinfurmawna *b'road policy procedure* ġdida. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.13 Email mingħand l-Awtorita' tat-Trasport fejn qed tinforma lil Kunsill rigward kompetizzjonijiet għal *European Mobility Week* li ġew varati fil-jiem li għaddew. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.14 Email mingħand il-LESA b' formola ġdida ta' kif wieħed irid japplika għal-*Wardens* waqt diversi attivitajiet bħal festi u ir-rati ta' ħlas ġodda. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.15 Email mingħand il-Gvern Lokali mis-sezzjoni tal-*EU Affairs* fejn qed jitolbu informazzjoni rigward proġetti ko-finanzjati mill-unjoni Ewropeja. Email b'risposta ġiet mibgħuta.

28.7.16 Email mingħand il-Gvern Lokali fejn qiegħed jinforma lil-Kunsilli li hemm *Zasavje Regional Development Agency* minn Slovenja li qiegħda tfittex partner għall proġett fuq *Networks of Towns*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.17 Email mingħand MEUSEC fejn qed jistiednu parteċipant sabiex jattendi l-*workshops* tal-Erasmus+ Youth Fair nhar it-3 ta' Awwissu f'Birkirkara. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.18 Komunikazzjoni mingħand id-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali rigward Termini u Kundizzjonijiet Ġodda tal-Fond ta' Ko-Finanzjament. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.19 Email mingħand il-Gvern Lokali fejn qiegħed jibgħat *Business Plan Template Update*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.20 Email mingħand il-Gvern Lokali fejn qiegħed jinforma lil-Kunsill rigward *Sponsorships tal-EU Funds for Malta 2014-2020*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.21 Ċir SPI 9/2018 tal-Gvern Lokali rigward Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali jew Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.22 Ċir AKL 2018/066 – *POYC Outreach Program* bil-lista ta' punti ewlenin li saru waqt id-diskussjoni ta' informazzjoni li għamilna lir-residenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.23 Ċir AKL 2018/069 – Stedina għall-BBQ f'Għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali li ser issir fil-*Lukanda Dolmen* fl-10 t'Awwissu fis-7.30pm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.24 Ċir AKL 2018/072 – Dokument – l-Effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru – Stedina sabiex il-kunsill jipparteċipa u ma jittajrux bżieżaq waqt attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.25 Ċir AKL 2018/075 – *Malta Textil Recycling* – Din il-kumpanija uriet interess lil AKL sabiex tibda tiġbor materjal fabbriku li m'għadux tajjeb għall-użu minn wara l-bieb tar-residenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.26 Ċir AKL 2018/077 – Proċedura Stabbilita ta' kif Kunsill jirraporta ħsarat fil-provista tal-ilma/drenaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.27 Ċir AKL 2018/078 – Aħbar ta' mewt tan-nannu ta' Kunsillier fil-Kunsill Lokali in-Naxxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.28 Ċir AKL 2018/079 – *Faculty for Social Wellbeing* – Lista ta' korsijiet provduti mill-Universita' ta' Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.29 Ċir AKL 2018/082 – Talba għall-approvazzjoni ta' tabelli *(No Parking)* minn *Transport Malta* skont il-permess maħruġ mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.30 Ċir AKL 2018/084 – *Call for applicants – youth delegates – 36th and 37th Congress Sessions Strasburg*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.31 Ċir AKL 2018/085 – Preżentazzjoni u Noti li ġew ippreżentati waqt is-sessjoni informattiva fuq l-Evalwazzjoni ta' *tenders* fuq l-EPPS . Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.32 Stqarrija tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn isir proponiment sabiex jitwaqqaf kumitat ta' azzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.33 Ċir AKL 2018/086 – Kumitat ta' Azzjoni - LCA/PA/BRP/ MDA/ TM. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**28.7.34** Talba mingħand persuna sabiex isir *shifting* ta' xi dwal fi sqaq ta' fuq il-Lunzjata u jitwaħlu ma residenzi oħra temporanjament tal-ġirien li ma sabu ebda oġġezzjoni sakemm jagħmel xi xogħol ta' twaqqiegħ u bini mill- ġdid. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

**28.7.35** Talba mingħand l-iskrivan tal-Kunsill Lokali Fontana sabiex jiġi infurmat rigward is-sitwazzjoni tat-tiġdid tal-kuntratt tiegħu li ser jiskadi f'Novembru 2018. Il-Kunsill qabel li irid jara il-kuntratt.

## 28.8 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:00 p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Awwissu 2018 fil-4.00 p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**